2025/1801

13.10.2025

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1801

tat-23 ta' Ġunju 2025

li tadatta għall-progress xjentifiku u tekniku l-Annessi I u II tad-Direttiva (UE) 2022/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2022/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Skont it-Taqsima I.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Annessi A u B tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR, Agreement concerning the International Carriage of Dangerous Goods by Road), konkluż f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957 ([3]), japplikaw għall-operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali fl-Unjoni.

(2) Id-Direttiva 2008/68/KE tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi ta' dik id-Direttiva sabiex jitqiesu l-emendi tal-ADR, b'mod partikolari dawk relatati mal-progress xjentifiku u tekniku. Skont id-Direttiva (UE) 2022/1999, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw l-Annessi ta' dik id-Direttiva b'mod partikolari biex jitqiesu l-emendi tad-Direttiva 2008/68/KE, u b'konsegwenza ta' dan, l-emendi tal-ADR.

(3) L-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE, u b'mod partikolari l-Anness I li jikkonċerna t-trasport ta' oġġetti perikoluży bit-triq, ġew emendati disa' darbiet, l-aktar reċenti permezz tad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2025/149 ([4]).

(4) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli attwalment fis-seħħ dwar it-trasport ta' oġġetti perikoluży jiġu infurzati kif xieraq, il-lista ta' kontroll użata għall-kontrolli mal-ġenb tat-triq li hija stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/1999 jenħtieġ li tinġieb f'konformità mal-ADR kif applikabbli skont it-Taqsima I.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2008/68/KE.

(5) B'mod partikolari, il-Kapitolu 1.4 tal-Anness A tal-ADR jistabbilixxi l-obbligi ta' sikurezza rispettivi tal-parteċipanti fil-katina tat-trasport għal oġġetti perikoluży, jiġifieri l-konsenjaturi, it-trasportaturi, il-konsenjatarji, dawk li jgħabbu, dawk li jippakkjaw, dawk li jimlew, l-operaturi tat-tankijiet u dawk li jħottu, u b'hekk ir-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom isiru ċari, trasparenti u infurzabbli. Il-lista ta' kontroll stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/1999 jenħtieġ li tirrifletti dawk id-dispożizzjonijiet tal-ADR billi tidentifika dawk il-parteċipanti fil-katina tat-trasport li jistgħu jkunu responsabbli għal ksur partikolari. Tali informazzjoni tista' sservi bħala bażi għal aktar kontrolli mill-awtoritajiet nazzjonali.

(6) Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-ADR jenħtieġ li jiġu pprovduti fil-lista ta' kontroll stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/1999 biex jgħinu lill-infurzaturi u lill-parteċipanti fil-katina tat-trasport jidentifikaw id-dispożizzjonijiet legali aġġornati tal-ADR.

(7) F'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2022/1999, l-Istati Membri jridu jibagħtu rapporti lill-Kummissjoni dwar il-kontrolli mwettqa kull sena kalendarja, inkluż l-għadd ta' każijiet ta' ksur irreġistrati skont

([1]) ĠU L 274, 24.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/1999/oj.
([2]) Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluży (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/68/oj).
([3]) https://unece.org/transport/standards/transport/dangerous-goods/adr-2023-agreement-concerning-international-carriage.
([4]) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2025/149 tal-15 ta' Novembru 2024 li temenda l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku li jkun sar (ĠU L, 2025/149, 24.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2025/149/oj).

il-kategorija tar-riskju stabbilita fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. Sabiex jiġi ffaċilitat dak ir-rapportar, il-kategorija ta' riskju ta' ksur irreġistrat, iddeterminata f'konformità mal-Anness II, jenħtieġ li tissemma fil-lista ta' kontroll stabbilita fl-Anness I.

(8) L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2022/1999 jikklassifika l-ksur tal-ADR skont il-livell ta' riskji li joħloq. Dik il-lista jenħtieġ li tiġi aġġornata minħabba l-emendi tal-ADR kif applikabbli skont it-Taqsima I.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2008/68/KE.

(9) It-Taqsima 9 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403 ([5]) tikklassifika l-ksur tat-Taqsima I.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2008/68/KE skont l-impatt tiegħu fuq ir-reputazzjoni tajba tal-operaturi tat-trasport. Dik it-Taqsima tfasslet b'mod konsistenti mal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2022/1999. Għalhekk jeħtieġ li l-kliem tal-Anness II l-ġdid tad-Direttiva (UE) 2022/1999 jinżamm konsistenti mat-Taqsima 9 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/403.

(10) L-Annessi I u II tad-Direttiva (UE) 2022/1999 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati skont dan, u għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li jiġu sostitwiti.

(11) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([6]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, iżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom dokument wieħed jew aktar fejn jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi tad-Direttiva (UE) 2022/1999

L-Annessi I u II tad-Direttiva (UE) 2022/1999 huma sostitwiti bit-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-23 ta' Ġunju 2026, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-24 ta' Ġunju 2026.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403 tat-18 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-Unjoni, li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba tal-operatur tat-trasport bit-triq u li jemenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/403/oj).

([6]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

Lista ta' kontroll għall-kontrolli mal-ġenb tat-triq

1.	Post u pajjiż tal-verifika:		2. Data:			3. Ħin:		
Data tal-vettura/tagħbija								
4.	Marka/i tan-nazzjonalità u numru/i tar-reġistrazzjoni tal-vettura/i:							
5.	Impriża li twettaq l-operazzjoni tat-trasport / indirizz:							
6.	Isem/ismijiet tas-sewwieq/sewwieqa / l-assistent tas-sewwieq / in-numru/i taċ-ċertifikat(i) tagħhom (1) (ADR 8.2 jekk applikabbli):							
7.	L-aħħar indirizz u d-data tat-tagħbija jew tal-ħatt: (1)							
8.	Indirizz li jmiss tat-tagħbija jew tal-ħatt: (1)							
9.	Numru/i NU, grupp tal-ippakkjar u kwantità ta' oġġetti perikoluži, meta jiġu osservati ksur: (2)							
10.	Eżenzjoni applikabbli u, jekk iva, liema? (3)		☐ le	☐ iva		Taqsima:		
11.	Mezzi ta' kontenitur		☐ bl-ingrossa	☐ tank	☐ pakkett	☐ MEMU		
Dokumenti			Ivverifika l-istatus (4)			Ksur	Taqsima tal-ADR + parteċipant(i) (6)	
			C	NC	MA	Kategorija tar-Riskju (5)		
12.	Dokumenti tat-trasport (bħal ADR 8.1.2.1 (a), 5.4.1, 5.4.2)		☐	☐	☐			
13.	Istruzzjonijiet bil-miktub (ADR 8.1.2.1 (b), 5.4.3)		☐	☐	☐			
14.	Ċertifikat ta' approvazzjoni għall-vetturi (ADR 8.1.2.2 (a), 9.1.3)		☐	☐	☐			
15.	Ċertifikat ta' taħriġ tas-sewwieq (ADR 8.1.2.2 (b)) u dokument ta' identifikazzjoni (ADR 1.10.1.4, 8.1.2.1 (d))		☐	☐	☐			
Operazzjoni tat-trasport								
16.	Oġġetti awtorizzati għat-trasport (ADR 1.1.2.1)		☐	☐	☐			
17.	Dispożizzjonijiet dwar mezzi ta' kontenitur (bħal ADR 4.1 sa 4.7)		☐	☐	☐			
18.	Dispożizzjonijiet għat-trasport (bħal ADR 7.1 sa 7.4)		☐	☐	☐			
19.	Projbizzjoni ta' tagħbija mħallta u limitazzjoni tal-kwantitajiet (bħal ADR 7.5.2, 7.5.4, 7.5.5)		☐	☐	☐			
20.	Trattament u ħażna (bħal ADR 7.5.7)		☐	☐	☐			
21.	Immarkar tal-imballaġġ / tat-tank / tal-merkanzija bl-ingrossa (bħal ADR Parti 6)		☐	☐	☐			
22.	Immarkar, tikkettar tal-imballaġġi (bħal ADR 3.3 sa 3.5, 4.1.4.1, 5.1, 5.2)		☐	☐	☐			
23.	Plakards, pjanċi oranġjo, marki fuq vetturi/tankijiet, eċċ. (bħal ADR 3.4.13, 5.3, 5.5, 7.3, 7.5.11)		☐	☐	☐			
24.	Rekwiżiti tal-vettura (ADR Parti 9)		☐	☐	☐			
Tagħmir abbord								
25.	Tagħmir ġenerali u speċifiku (bħal ADR 8.1.4, 8.1.5)		☐	☐	☐			
Oħrajn								
26.	Ftehimiet bilaterali/multilaterali (bħal ADR 1.5.1), regolamenti nazzjonali, approvazzjoni tal-awtorità kompetenti (bħal ADR 8.1.2.2 (c)):		☐	☐	☐			
27.	Ksur ieħor:							
Riżultat								
28.	Azzjonijiet korrettivi fuq ☐ il-post qabel tmiem ☐ il-vjaġġ fil-bini ☐		Tip ta' miżura: Rapport uffiċjali ☐		Twissija ☐	Immobilizzazzjoni (Art. 5) ☐		
29.	Rimarki (7):							
30.	Siġill miksur / imqiegħed?		Miksur fi			Imqiegħed fi		
31.	Awtorità/uffiċjal/delegat li qed twettaq/iwettaq il-kontroll							

(1) Imla biss jekk rilevanti għall-ksur.
(2) Barra minn hekk, għandu jiddaħħal taħt "rimarki".
(3) Jirreferi għal kwalunkwe eżenzjoni jew deroga f'konformità mad-Direttiva 2008/68/KE.
(4) Ivverifika l-istatus: C = ivverifikat, NC = mhux possibbli li jiġi verifikat, MA = mhux applikabbli.
(5) Kategorija tar-riskju tal-ksur irreġistrat, f'konformità mal-Anness II.
(6) Imla jekk ġie/ġew osservat/i ksur. Speċifika l-kategorija tal-parteċipant(i) possibbli responsabbli, f'konformità mal-ADR 1.4: Ci = konsenjatur, C = trasportatur, Ce = konsenjatarju, L = dak li jgħabbi, P = dak li jippakkja, F = dak li jimla, To = operatur tat-tank, U = dak li jħott. Ir-referenza għall-kategorija tal-parteċipant fil-lista ta' kontroll ma taffettwax bl-ebda mod il-preżunzjoni tal-innoċenza.
(7) Daħħal hawn in-numru/i NU, il-grupp tal-ippakkjar (PG), il-kwantità ta' oġġetti perikoluži li jinġarru jekk jiġu osservati ksur, ksur mill-ekwipaġġi tas-sewwieqa, azzjoni ta' rimedju u rimarki oħra.

ANNESS II

Ksur

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-lista mhux eżawrjenti li ġejja, maqsuma fi tliet kategoriji ta' riskju (il-kategorija I tippreżenta l-ogħla riskju), tipprovdi gwida dwar x'għandu jitqies bħala ksur.

Il-kategorija ta' riskju xierqa għandha tiġi ddeterminata billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari ta' ksur u fid-diskrezzjoni tal-korp/uffiċjal tal-infurzar, li jfisser li l-kategorija ta' riskju ta' ksur tista' tiġi aġġornata jew imnaqqsa.

Ksur li mhux elenkat għandu jiġi kklassifikat f'konformità mad-deskrizzjonijiet tal-kategoriji ta' riskju.

Meta jkun hemm diversi ksur għal kull unità ta' trasport, l-aktar kategorija ta' riskju serja biss għandha tiġi applikata għal finijiet ta' rapportar (f'konformità mal-formola standard mudell stabbilita fl-Anness III).

1. **Kategorija ta' riskju I**

Din tikkonċerna ksur tad-dispożizzjonijiet tal-ADR li għandu riskju għoli ta' mewt, korriment personali serju jew ħsara sinifikanti lill-ambjent. Jekk jiġi osservat waqt il-kontrolli mal-ġenb tat-triq, tali ksur normalment iwassal għal miżuri korrettivi immedjati u xierqa bħall-immobilizzazzjoni tal-vettura; jekk jiġi osservat waqt kontrolli fil-bini, dan il-ksur normalment ikun soġġett għal miżuri xierqa oħra.

In-nuqqasijiet f'din il-kategorija jinkludu:

1. ġarr ta' oġġetti perikoluż li t-trasport tagħhom huwa pprojbit;
2. ġarr ta' oġġetti perikoluż f'mezz ta' konteniment ipprojbit jew mhux approvat, li jipperikola l-ħajjiet jew l-ambjent sa tali punt li tittieħed deċiżjoni li l-vettura tiġi immobilizzata;
3. ġarr ta' oġġetti perikoluż mingħajr identifikazzjoni fuq il-vettura, li jipperikola l-ħajjiet jew l-ambjent sa tali punt li tittieħed deċiżjoni li l-vettura tiġi immobilizzata;
4. tnixxija ta' oġġetti perikoluż;
5. ġarr b'mod ipprojbit;
6. ġarr bl-ingrossa f'vettura jew kontenitur li mhux strutturalment tajjeb għas-servizz;
7. ġarr f'vettura mingħajr ċertifikat ta' approvazzjoni xieraq;
8. tħaddim ta' vettura li ma tibqax tikkonforma mal-istandards ta' approvazzjoni u tippreżenta periklu immedjat (inkella għandha tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' riskju II);
9. użu ta' imballaġġi, tankijiet, kontenituri jew vetturi mhux approvati;
10. użu ta' imballaġġ li ma jikkonformax mal-istruzzjonijiet tal-ippakkjar applikabbli; użu ta' tankijiet, vetturi u kontenituri li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet applikabbli;
11. nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet speċjali għall-ippakkjar imħallat;
12. nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw l-irbit u l-istivar tat-tagħbijiet;
13. nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-oġġetti tal-ikel, oġġetti oħra tal-konsum u għalf tal-annimali;
14. nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw it-tagħbija mħallta ta' pakketti;
15. nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet li jillimitaw il-kwantitajiet awtorizzati għat-trasport f'unità waħda tat-trasport, inklużi l-gradi permissibbli ta' mili tat-tankijiet jew tal-pakketti;
16. trasport ta' oġġetti perikoluż mingħajr id-dokumenti meħtieġa disponibbli abbord jew f'format elettroniku xieraq, jekk permess;
17. trasport ta' oġġetti perikoluż f'pakketti li ma jkollhomx il-markar, it-tikkettar jew sinjali oħra ta' identifikazzjoni meħtieġa;

18. trasport ta' oġġetti perikoluży mingħajr ebda plakard, markar (inkluż markar ta' pjanċa oranġjo) jew sinjali oħra ta' identifikazzjoni fuq il-vettura;

19. informazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta dwar is-sustanza li qed tinġarr, li tippermetti d-determinazzjoni ta' ksur tal-kategorija ta' riskju I (pereżempju, numru NU, isem xieraq tat-trasport fuq l-ilma, grupp tal-ippakkjar);

20. ċertifikat validu ta' taħriġ vokazzjonali mhux miżmum mis-sewwieq;

21. użu ta' nar jew dawl mhux protett;

22. nuqqas ta' osservanza tal-projbizzjoni tat-tipjip;

23. nuqqas ta' ħatra ta' konsulent tas-sikurezza għal kull impriża, meta meħtieġ;

24. nuqqas ta' konformità mal-ADR 1.10 dwar id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà, meta meħtieġ.

2. **Kategorija ta' riskju II**

Tikkonċerna ksur tad-dispożizzjonijiet tal-ADR li għandu riskju ta' korriment personali jew ħsara lill-ambjent; Jekk jiġi osservat waqt il-kontrolli mal-ġenb tat-triq, tali ksur normalment iwassal għal miżuri korrettivi xierqa bħal rettifika fuq il-post meta jkun fattibbli, inkella mhux aktar tard mit-tlestija tal-operazzjoni tat-trasport attwali; jekk jiġi osservat waqt kontrolli fil-bini, dan il-ksur normalment ikun soġġett għal miżuri xierqa oħra.

In-nuqqasijiet f'din il-kategorija jinkludu:

1. tħaddim ta' unità tat-trasport li tinkludi aktar minn trejler / semitrejler wieħed;

2. tħaddim ta' vettura li ma tibqax tikkonforma mal-istandards ta' approvazzjoni iżda ma tippreżentax periklu immedjat;

3. nuqqas li jinġarru apparati tat-tifi tan-nar operattivi kif meħtieġ abbord vettura; tagħmir tat-tifi tan-nar mhux konformi ma' dispożizzjonijiet speċifiċi;

4. nuqqas li jinġarr tagħmir meħtieġ skont l-ADR jew f'istruzzjonijiet bil-miktub abbord vettura;

5. nuqqas ta' konformità mad-dati tal-ittestjar u l-ispezzjoni u l-perjodi ta' użu għall-imballaġġ, il-kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar (IBCs, Intermediate Bulk Containers), l-imballaġġ kbir, it-tankijiet, il-vetturi jew il-kontenituri;

6. ġarr ta' pakketti b'imballaġġ bil-ħsara, IBCs jew imballaġġ kbir, jew ġarr ta' imballaġġ bil-ħsara, vojt u mhux imnaddaf;

7. ġarr ta' oġġetti mballati f'vettura jew kontenitur li mhux strutturalment tajjeb għas-servizz;

8. nuqqas li jingħalqu sew it-tankijiet / il-kontenituri tat-tankijiet, vetturi, kontenituri jew imballaġġi (inklużi dawk li huma vojta u mhux imnaddfa);

9. imballaġġi, tankijiet, vetturi u/jew konteniment b'tikkettar, immarkar (inkluż immarkar ta' pjanċi oranġjo), plakards jew sinjali oħra ta' identifikazzjoni mhux korretti;

10. l-ebda struzzjoni bil-miktub f'konformità mal-ADR;

11. nuqqas ta' superviżjoni jew ipparkjar xieraq ta' vettura;

12. ġarr ta' persuni, għajr membri tal-ekwipaġġ, f'unitajiet ta' trasport li jġorru oġġetti perikoluży;

13. nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji stabbiliti fl-ADR 7.5.10 dwar prekawzjonijiet li jridu jittieħdu kontra kariki elettrostatiċi waqt operazzjonijiet ta' mili u tbattil;

14. nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji mal-wasla fis-siti tat-tagħbija u tal-ħatt;

15. nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji dwar ir-rwol, id-dmirijiet u ċ-ċertifikati tal-konsulent tas-sikurezza għal kull impriża, meta meħtieġ;

16. nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji dwar il-perjodu minimu ta' żamma għad-dokument tat-trasport ta' oġġetti perikoluży u informazzjoni u dokumentazzjoni addizzjonali kif speċifikat fl-ADR;

17. nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji dwar it-taħriġ ta' persuni involuti fit-trasport ta' oġġetti perikoluży;

18. nuqqas ta' sottomissjoni tad-dokumenti u/jew rapporti meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti.

3. **Kategorija ta' riskju III**

Din tikkonċerna ksur tad-dispożizzjonijiet tal-ADR li għandu riskju baxx ta' korriment personali jew ħsara lill-ambjent u meta miżuri korrettivi xierqa ma jkollhomx għalfejn jittieħdu mal-ġenb tat-triq iżda jkunu jistgħu jittieħdu f'data aktar tard mill-impriża; jekk jiġi osservat waqt il-kontrolli fil-bini, dan il-ksur normalment ikun soġġett għal miżuri xierqa oħra.

In-nuqqasijiet f'din il-kategorija jinkludu:

1. nuqqas ta' konformità mar-regolamenti dwar id-daqs tal-plakards jew it-tikketti jew id-daqs tal-ittri, taċ-ċifri jew tas-simboli fuq il-plakards jew it-tikketti;
2. informazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni li taqa' taħt il-kategorija ta' riskju I, mhux disponibbli fid-dokumentazzjoni tat-trasport;
3. nuqqas li jinġarr ċertifikat ta' taħriġ abbord il-vettura iżda evidenza li s-sewwieq għandu wieħed minn dawn;
4. mezz ta' identifikazzjoni, b'ritratt, mhux fuq kull membru tal-ekwipaġġ tal-vettura;
5. nuqqas li jitwaħħlu kif suppost il-plakards u l-immarkar (inkluż l-immarkar tal-pjanċa oranġjo) jew sinjali oħra ta' identifikazzjoni;
6. sottomissjoni tard tad-dokumenti u/jew rapporti meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti."